MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Ċivil Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Ċivili Inferjuri Numru: 83/2018 LM

**Andrew Falzon (KI 244967M)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Kevin Spiteri (KI 411994 M) u Tyron Spiteri (KI 395194M)**
*(l-appellati)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur, hawnhekk "l-appellant" **Andrew Falzon** (KI 244967M), mid-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 2019 (minn issa 'l

quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha ġie deċiż li:

> *"Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur limitatment għas-somma ta' disa' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€9.37c) u jordna lill-konvenuti jħallsu lill-attur din is-somma ta' disa' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€9.37c) bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż tas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-11 ta' Lulju, 2019 ikunu a karigu tal-konvenuti, u dawk tas-sentenza tal-lum jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.*

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur **Andrew Falzon** talab li jitħallas mingħand il-konvenuti, hawnhekk l-appellati, **Kevin Spiteri** u **Tyron Spiteri**, qua eredi tal-mejta Laura Spiteri, is-somma ta' elfejn u ħamsin Euro (€2,050) rapprezentanti konsum ta' ilma u dawl fil-fond numru 61 Ciccia, Triq San Piju V, Sliema li kien mikri lill-mejta Laura Spiteri (minn issa 'l quddiem "il-fond"), bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Mertu</u>**

3. Fl-1 ta' Marzu, 2018 l-attur istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal, wara li interpella diversi drabi lill-konvenuti għall-ħlas tal-imsemmija somma, anki permezz tal-ittra uffiċjali 1488/2017, imma dawn baqgħu inadempjenti.

4. Il-konvenuti min-naħa tagħhom eċċepew li t-talba hija preskritta; li huma ma għandhom u qatt ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur; li assolutament mhux minnu li l-konvenuti Kevin u Tyron aħwa Spiteri huma debituri fil-konfront tiegħu; li t-talba hija infondata fil-fatt u fi dritt kif ser jirriżulta waqt il-kawża; li kienet ommhom Laura Spiteri li kienet kriet ħanut mingħand Dr Vincent Falzon, ommhom mietet fis-7 ta' Diċembru, 2007 u ċ-ċwievet tal-post kienu ritornati lis-sid ftit xhur wara u ċioé dan aktar minn għaxar snin ilu; li t-talba għandha tiġi miċħuda. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet deċiża permezz ta' sentenza *in parte* li ngħatat fit-30 ta' Mejju, 2019.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 2019, it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur limitatment għas-somma ta' disa' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€9.37ċ) u ordna lill-konvenuti jħallsu lill-attur din is-somma, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż tas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a karigu tal-konvenut, u dawk tas-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2019 baqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Li f'din il-kawża l-atturi qed jitolbu rifużjoni ta' kont li ħallsu lil ARMS Limited konsistenti f'arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fil-fond li jinsab 61, Ciccia, Triq San Piju V, Sliema li kien mikri lil omm il-konvenuti Laura Spiteri għall-perijodu mit-30 ta' Diċembru 2004 sas-7 ta' Ottubru 2008. Tali ħlas jammonta għal elfejn u ħamsa u*

*għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,025.40ċ) iżda t-talba hija limitata għal elfejn u ħamsa u għoxrin Euro (€2,025). Laura Spiteri mietet f'Diċembru 2007 u l-konvenuti rritornaw ċ-ċwievet fis-sena 2008.*

*Il-konvenut Tyron Spiteri a fol 11 xehed li ommu Laura Spiteri mietet f'Diċembru 2007 u li fis-sena 2008 huma rritornaw ic-cwievet tal-fond lil Dr Vincent Falzon. Huwa ċaħad li Dr Errol Cutajar kien qed jirrappreżentah xi żmien.*

*A fol 12* overleaf *il-konvenut l-ieħor Kevin Spiteri xehed li meta rritornaw ċ-ċwievet lil Dr Vincent Falzon huma ħallsuh l-kontijiet kollha u minn dakinhar ma semgħu xejn iżjed. Huwa jgħid li ma rċieva ebda ittra uffiċjali u sar jaf fuq dan il-kont meta ċempillu ħuh u qallu li hemm kwistjoni fuq xi kont pendenti.*

*A fol 18 xehed l-Avukat Errol Cutajar li ġie rilaxxat minn dan it-Tribunal mis-sigriet professjonali. Huwa xehed li dak iż-żmien kien jaħdem għal Tyron Spiteri fuq xi ħaġa li ma għandhiex x'taqsam ma' dan il-każ. Darba fost oħrajn Dr Vincent Falzon li hu* partner *fl-uffiċċju tagħhom bagħat għalih u qallu li għandu din il-kwistjoni dwar il-kont pendenti u peress li kien jaf li huwa qed jassisti lil Tyron Spiteri staqsih jistax ikellmu biex jissortjaw din il-biċċa xogħol. Huwa kellem lill-konvenut Tyron.*

*Jigi rilevat a fol 20 jirrizulta li l-konvenut Tyron Spiteri ma rrilaxxax lix-xhud mis-sigriet professjonali.*

*A fol 21 fuq ordni ta' dan it-Tribunal reġa' sema' lil Tyron Spiteri u meta t-Tribunal staqsieh x'qal lil Dr Errol Cutajar meta urih il-kont huwa wieġbu li kien ser ikellem lil ħuh u jiddilja ma' Dr Falzon hu. Huwa jiċħad li lil Dr Errol Cutajar awtorizzah jinforma lil Dr Falzon* 'that you shall be contacting Dr Vincent Falzon to pay'. *(Dok E a fol 34).*

*A fol 24 fl-affidavit tiegħu l-avukat Vincent Falzon xehed li huwa kien jikri l-fond li jinsab 61, St Pius V Street, Sliema lil omm il-konvenuti Laura Spiteri permezz ta' skrittura tat-30 ta' Dicembru 2004 u l-kirja ġiet terminata permezz ta' skrittura tas-7 ta' Ottubru 2008 u permezz tal-istess skrittura l-istess sid kera lil ċertu Kenneth Zammit l-istess fond b'effett mill-1 ta' Novembru, 2008 u għal perijodu ta' tlett snin. Huwa jgħid li xi granet wara li kien iffirma l-iskrittura Zammit ittermina l-lokazjoni u l-fond baqa' magħluq għal tul ta' żmien sakemm ibnu talbu l-fond biex jiġġestixxi* a catering outlet. *Huwa sar jaf b'dan il-kont mal-ARMS meta ibnu mar biex jiġġestixxi dan il-fond u sab l-komunikazzjoni tal-ilma u dawl maqtugħa. Iċċekja mal-ARMS u qalulu b'dan il-kont pendenti. Huwa ħallas l-arretrati fis-somma ta' elfejn u ħamsa u*

*għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,025.40ċ) f'Lulju 2016. Huwa kiteb lill-konvenut Tyron Spiteri iżda ma kien irċeva xejn mingħandu però darba minnhom l-Avukat Errol Cutajar kien għaddielu irċevuta tal-ARMS Limited Dok E fejn infurmah li dan Tyron Spiteri kien sejjer iħallas. Għalkemm Tyron Spiteri kien ipprometta li jħallas baqa' ma ħallasx.*

*Dan kien konfermat ukoll minn iben Dr Vincent Falzon a fol 26.*

*A fol 57 xehdet Katya Axiaq in rappreżentanza tal-ARMS Limited u preżentat l-istorja tal-kont tal-fond in kwistjoni li jirriżulta li omm il-konvenuti kienet ir-*registered *consumer u li l-kont sakemm ġiet terminata l-kirja lil Laura Spiteri fis-7 ta' Ottubru 2008 kien qed jitħallas.*

*Minn dawn li* statements *jirriżulta a fol 62 li sat-terminazzjoni tal-kirja fis-7 ta' Diċembru 2018 jirriżulta li l-bilanċ dovut kien ta' sbatax-il Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€17.97ċ) u tali dokument a fol 62 jgħid li mit-2 ta' Lulju 2009 l-bilanċ dovut kien ta' mitejn u sbatax-il Euro u dsatax-il ċenteżmu (€217.19ċ) u baqa' jiżdied sussegwentement fil-perijodu meta l-fond kien fil-pussess tas-sid. Veru li skont Dr Vincent Falzon l-fond b'effett mill-1 ta' Novembru 2008 ġie mikri lil ċertu Kenneth Zammit b'effett mit-2 ta' Novembru 2008 għal tlett snin u ġranet wara Zammit skont l-istess Dr Falzon kien ittermina l-lokazzjoni, u dan ikompli jipprova li fl-1 ta' Novembru 2008 is-sid kellu l-pussess tal-fond u li sas-17 ta' Novembru 2008 il-bilanċ dovut kien lil ARMS Limited skont fol 62 kien ta' mitejn u sbatax-il Euro u dsatax-il ċenteżmu (€217.19ċ).*

*Dr Falzon a fol 73* (overleaf) *jispjega li veru li skont l-iskrittura privata tas-7 ta' Ottubru 2008 a fol 29 huwa u l-konvenuti kienu ddikjaraw li ma baqgħalhom ebda pretensjoni kontra xulxin iżda huwa spjega li dan kien biss għal dak li jirrigwarda arretrati ta' ħlas ta' kera u xejn aktar.*

*Tali skrittura a fol 29 tikkonferma li fit-30 ta' Dicembru, 2004 il-fond kien gie mikri lil Laura Spiteri; li tali lokazzjoni ġiet terminata b'effett mit-30 ta' Settembru 2008, li salv għal arretrati ta' kera sat-30 ta' Settembru 2008 li l-inkwilin ħallas fis-7 ta' Ottubru, 2008, l-partijiet ma jivvantaw ebda pretensjoni kontra xulxin derivanti mil-lokazzjoni fuq imsemmija; li s-sid ikkonċerta b'titolu ta' lokazzjoni lil Kenneth Zammit tali fond b'effett mill-1 ta' Novembru 2008 fost kondizzjonijiet oħrajn. Ebda xejn ma ssemmi tali skrittura dwar ħlas ta' dawl u ilma pagabbli lil Kenneth Zammit mid-data tal-lokazzjoni.*

*Ra x-xhieda li nstemgħu fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019 u l-verbal tal-partijiet mogħti fl-istess seduta li permezz tagħha qablu li l-provi li resqu dwar l-eċċezzjoni preliminari għandhom jiġu meqjusa bħala provi dwar il-mertu.*

*Ra l-verbal tal-istess seduta li permezz tagħha l-partijiet għalqu l-provi u talbu li l-kawża titħalla għas-sentenza.*

*Ikkonsidra ulterjorment:*

*Li l-pern tal-provi f'din il-kawża huma li* statements *preżentati mill-ARMS Limited f'din il-kawża a fol 62 et liema* statements *ma jippruvaw xejn li tali kont huwa dovut mill-konvenuti qua eredi ta' ommhom għajr is-somma ta' disa' Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€9.37c) dovuta fil-15 ta' Ottubru 2008. L-arretrati skont l-istess* statements *bdew jakkumulaw wara meta l-fond kien fil-pussess tas-sid u mill-1 ta' Novembru 2008 fil-pussess ta' Kenneth Zammit. Ebda prova ma ressaq l-attur biex jipprova li l-arretrati li daħlu wara id-data tal-15 ta' Ottubru 2008 jirrigwardaw l-perijodu meta omm il-konvenuti kellha pussess ta' tali fond.*

*Illi kif jaf bejn tajjeb kulħadd, il-grad ta' prova fiċ-Ċivili hija sal-grad ta' probabilità iżda lanqas sa dan il-grad l-attur ma rnexxielu jipprova l-każ tiegħu għas-somma kollha pretiża.*

*Illi kif ġie dikjarat fis-sentenza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003:-*

"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli".

*Issokta jiġi sostenut illi "*biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproduċu provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni tagħhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jiġi *prima facie* preżunt miċ-ċirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju ...... ma kienux jirrispekkjaw il-verità ghaliex fil-verità n-negozju kien

sar ma' ħaddiehor*" – "**John Vella nomine -vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.*

*Bħal fil-każ tal-konklużjoni raġġunta fid-deċiżjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell, 4 ta' Diċembru 1988; "**Anthony Caruana et -vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, u l-oħrajn referenzjati fihom, dan it-Tribunal jidhirlu li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfaċentement li li l-ħlas huwa dovut mill-konvenuti u dan għar-raġunijiet mogħtija minn dan it-Tribunal f'din is-sentenza."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-22 ta' Ottubru, 2019, fejn talab lill-Qorti sabiex:

*"... tikkonferma s-sentenza parzjali li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u filwaqt lil tirrespinġi u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ppreżentati mill-konvenuti appellati, bl-ispejjeż kontrihom u fit-tieni lok, tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet iż-Żgħar fl-4 ta' Ottubru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonferma li l-konvenuti huma debituri tal-attur, tirriforma s-sentenza billi żżid is-somma li ġew kundannati jħallsu il-konvenuti lill-attur minn €9.37 għall-ammont ta' €2,050.00 jew somma verjuri. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti u bl-interessi legali mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' April, 2017."*

7. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata 'il għaliex għar-raġunijiet imfissra fir-rikors tal-appell, it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi mressqa quddiemu u ċaħad it-talbiet tal-attur, hawnhekk l-appellant.

**Ir-Risposta tal-Appell**

8. Fir-risposta tal-appell ippreżentata fl-4 ta' Marzu, 2020, l-appellati jsostnu li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, u jsostnu li dan l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għal din ir-raġuni l-appellati jsostnu li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra tiegħu u l-Qorti għandha tordna lill-appellant iħallas spejjeż doppji ai termini tal-artikolu 229(9) tal-Kap. 12 u jiġi ordnat iħallas penali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta tal-appellati u tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal. Peress li l-aggravji tal-appellant huma bbażati fuq l-istess premessa li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi, din il-Qorti ser tittrattahom flimkien.

*L-aggravji tal-appellant:* *Fuq bilanċ ta' probabbilità l-kont ta' €2,050 mertu tal-kawża jmur lura għal żmien meta l-ħanut kien fil-pussess tal-konvenuti jew t'ommhom. Il-konvenuti ma jiċħdux dan, anzi l-*

*konvenut Tyron Spiteri pprometta li jħallas dan id-debitu.*

10. L-appellant jgħid li l-konvenuti ma jiċħdux li fuq bilanċ ta' probabilità dan il-kont jmur lura għal żmien meta l-fond kien okkupat jew fil-pussess tal-konvenuti jew ta' ommhom Laura Spiteri. L-attur jgħid li kemm Dr Errol Cutajar kif ukoll Dr Vincent Falzon xehdu illi Tyron Spiteri kien ipprometta li jħallas dan id-debitu. L-appellati jwieġbu li dan l-aggravju huwa għalkollox infondat, frivolu u vessatorju fid-dawl tal-kontijiet esebiti mill-ARMS stess.

11. Jibda biex jingħad li meta appell ikun msejjes fuq allegazzjoni ta' apprezzament żbaljat tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti, huwa principju assodat li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, toqgħod lura milli tiddisturba dak l-apprezzament sakemm ma jkunx jidher li ser jinħoloq xi preġudizzju gravi jekk dawk il-provi ma jingħatawx konsiderazzjoni xierqa li twassal għal konklużjoni differenti minn dik li tkun waslet għaliha l-ewwel Qorti. Jingħad ukoll f'dan ir-rigward li Qorti ta' reviżjoni tkun riluttanti milli tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti billi dik il-Qorti tkun ħadet konjizzjoni tax-xhieda *viva voce* u tkun f'pożizzjoni aqwa li tapprezza dak li jingħad mill-partijiet u x-xhieda.[1]

12. Mid-dokumenti ppreżentati minn Katya Axiaq, rappreżentanta ta' ARMS Limited (*a fol.* 57 *et seq.*), jirriżulta li meta permezz ta' skrittura tas-7 ta'

[1] Q.A., **Mario Agius *vs.* Anna Agius**, 25.11.2011.

Ottubru, 2008 ġiet itterminata b'effett mit-30 ta' Settembru, 2008, il-lokazzjoni tal-fond li kien mikri lill-mejta Laura Spiteri, il-kont inkwistjoni kien qiegħed jitħallas b'mod regolari. Huwa evidenti mid-dokumenti ppreżentati minn ARMS Limited li l-ammont ta' €2,050 pretiż mill-attur, akkumula fis-snin ta' wara li ġiet itterminata l-kirja inkwistjoni. Il-Qorti tqis li quddiem prova oġġettiva bħal din, l-attur ma jistax jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu fuq bilanċ ta' probabbiltà, konġetturi u suppożizzjonijiet.

13. Jirriżulta mill-provi li fil-mument meta ġiet itterminata l-kirja inkwistjoni, permezz tal-iskrittura tas-7 ta' Ottubru, 2008, ma kien hemm l-ebda arretrati ta' kontijiet tad-dawl u ilma pendenti, u tqis li kien proprju għalhekk li fl-imsemmija skrittura ġie ddikjarat li l-partijiet ma kellhom ebda obbligu reċiproku bejniethom u allura ebda ammont ieħor ma kien dovut.

14. Illi kwantu għal dak li seta' ntqal bejn il-konvenut Tyron Spiteri u l-Avukat Errol Cutajar, apparti li l-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti dwar il-kontenut ta' din il-konversazzjoni, tqis illi fi kwallunkwe każ il-konvenut Tyron Spiteri ma setax jaċċetta li jħallas debitu li skont l-i*statements* ta' ARMS Limtied ma kienx jeżisti. 'Il għaliex kif intqal mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, il-pern tal-provi f'din il-kawża huma l-i*statements* ippreżentati minn ARMS Limited li minnhom joħroġ ċar li meta ġiet itterminata l-kirja li kellha Laura Spiteri, ma kien hemm l-ebda arretrati pendenti ta' kontijiet tad-dawl u ilma ma' ARMS Limited.

Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-appellant u r-risposta tal-appellati, ma tarax li jeżistu raġunijiet gravi għalfejn għandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal. Għar-raġunijiet imsemmija, tqis li l-imsemmija aggravji mhumiex ġustifikati u għalhekk sejra tiċħadhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**